

Brussell, 20 ta' Ġunju 2016  
(OR. en)

10254/16

COHOM 78  
CONUN 115  
DEVGEN 132  
FREMP 115  
COPS 191  
CFSP/PESC 484

#### EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

|                  |                                                                                                                             |
|------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:            | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                            |
| fi:              | 20 ta' Ġunju 2016                                                                                                           |
| lil:             | Delegazzjonijiet                                                                                                            |
| Nru. dok. preċ.: | 10136/16 COHOM 70 CONUN 113 DEVGEN 126 FREMP 109 COPS 186<br>CFSP/PESC 476                                                  |
| Suġġett:         | Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem<br>– Konklużjonijiet tal-Kunsill (20 ta' Ġunju 2016) |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem, adottati mill-Kunsill fit-3477 laqgħa tiegħu li saret fl-20 ta' Ġunju 2016.

## **KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IN-NEGOZJU U D-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM**

**Kunsill Affarijiet Barranin, 20 ta' Ġunju 2016**

### **Introduzzjoni**

1. Dan ix-xahar ifakkar il-ħames anniversarju tal-adozzjoni unanima tal-Prinċipji Gwida dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-Kunsill jappoġġa bis-sħiħ il-Prinċipji Gwida tan-NU. L-implimentazzjoni tagħhom tappoġġa u tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem, u hija ta' ġid għal kulħadd għaliex tnaqqas ir-riskji għall-persuni u n-negożju. Il-Kunsill jappoġġa wkoll il-Linji Gwida tal-OECD għall-Impriżi Multinazzjonali u d-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali, u jirrikonoxxi l-importanza tal-Patt Globali tan-NU u l-Gwida dwar ir-Responsabbiltà Soċjali ISO 26000.
2. Il-Kunsill jesprimi l-appoġġ sħiħ tiegħu favur il-ħidma siewja tal-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Kunsill jenfasizza li l-UE ser tkompli tikkooopera mal-Grupp ta' Ħidma u jappoġġa l-ħidma tiegħu, inkluż il-Forum annwali tan-NU u l-fora reġjonali dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem. Dawn joffru opportunitajiet siewja fil-livell globali biex ikompli jiżdied l-għarfien dwar, u tiġi promossa, l-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida.
3. Il-Kunsill jenfasizza r-rwol sinifikanti li għandu jaqdi n-negożju biex jgħin sabiex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli. L-UE tirrikonoxxi li r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem mill-kumpanniji u l-integrazzjoni tiegħu fl-operazzjonijiet tal-kumpanniji u l-ktajjen ta' valur u ta' forniment hija indispensabbli għall-iżvilupp sostenibbli u l-kisba tal-SDGs. Is-sħubijiet kollha fl-implimentazzjoni tal-SDGs għandu jissejjes fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u t-tmexxija responsabbli tan-negożju.
4. Il-Kunsill ifakkar fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015 - 2019 tal-20 ta' Ġunju 2015<sup>1</sup>, li fih l-UE u l-Istati Membri tagħha ntrabtu li jwettqu attivitajiet biex isir progress fir-rigward tan-negożju u d-drittijiet tal-bniedem. Il-Kunsill ifakkar ukoll fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Mejju 2016 dwar Ktajjen ta' Valur Mondjali Responsabbli u dwar ix-Xogħol tat-Tfal<sup>2</sup>.

<sup>1</sup> <http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2015/07/20-fac-human-rights/>

<sup>2</sup> 8833/16 u 10244/16, rispettivament.

## **Implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-NU**

5. L-Istati Membri tal-UE internazzjonalment jinsabu fuq quddiem fl-iżvilupp u l-adozzjoni ta' Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali (NAPs) biex jimplimentaw il-Prinċipji Gwida jew jintegraw il-Prinċipji Gwida tan-NU fi Strateġiji nazzjonali għar-Responsabbiltà Soċjali tal-Kumpanniji (CSR). Il-Kunsill ifakkar l-impenn tal-Istati Membri f' dan ir-rigward.<sup>3</sup> Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lis-SEAE biex jippromwovu tagħlim bejn il-pari dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem, inkluż it-tagħlim bejn il-pari transreġjonali.
6. Il-Kunsill jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tniedi Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar Imġiba Kummerċjali Responsabbli fl-2016. Dan il-Pjan ta' Azzjoni għandu jindirizza l-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida, inkluż fir-rigward tad-diliġenza dovuta u l-aċċess għal rimedju, u jipprovdi qafas ta' politika ġenerali. Barra minn hekk, il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex ittejjeb l-implimentazzjoni tad-diliġenza dovuta u biex trawwem djalogu u kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati rilevanti kollha.
7. Il-Kunsill ifakkar fil-kunsens globali li ntlaħaq fir-rigward tal-Prinċipji Gwida tan-NU ħames snin ilu u jisħaq li kwalunkwe pass ulterjuri possibbli rigward il-qafas legali internazzjonali għan-negozju u d-drittijiet tal-bniedem fil-livell tan-NU għandu jkun inklużiv, ikollu għeruq sodi fil-Prinċipji Gwida tan-NU u jindirizza t-tipi kollha tal-kumpanniji.

## **Promozzjoni tar-Responsabbiltà tal-Kumpanniji għar-Rispett tad-Drittijiet tal-Bniedem**

8. Il-Kunsill jappella lil kull impriża kummerċjali, kemm transnazzjonali kif ukoll domestiċi, biex jikkonformaw mal-Prinċipji Gwida tan-NU, d-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO u l-Linji Gwida tal-OECD, fost oħrajn billi jintegraw id-diliġenza dovuta fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem fl-operazzjonijiet tagħhom biex jidentifikaw, jipprevjenu u jtaffu r-riskji għad-drittijiet tal-bniedem.

---

<sup>3</sup> Azzjoni 18a, Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015–2019

9. Il-Kunsill jissottolinja r-rwol kruċjali li taqdi t-trasparenza kummerċjali sabiex is-swieq ikunu jistgħu jirrikonoxxu, jinċentivaw u jippremjaw ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem mill-kumpanniji, b'mod li jirrikonoxxi r-rabta mill-qrib ma' oqsma oħrajn tal-aġenda kummerċjali responsabbli, pereżempju, l-iżvilupp tas-settur privat u politika kontra l-korruzzjoni u kontra t-traffikar. F'dan ir-rigward il-Kunsill jinnota l-kontribut tad-Direttiva tal-UE dwar l-iżvelar ta' informazzjoni mhux finanzjarja u dwar id-diversità minn ċertu kumpanniji u gruppi kbar, u jistenna b'interess il-linji gwida mhux vinkolanti dwar il-metodoloġija għar-rapportar tal-informazzjoni mhux finanzjarja li l-Kummissjoni qed tiżviluppa għall-użu propost mill-kumpanniji fir-rappurtar tagħhom.
10. Il-Kunsill huwa impenjat favur koerenza tal-politika u jenfasizza l-importanza li d-drittijiet tal-bniedem jiġu inkorporati fil-valutazzjonijiet tal-impatt għall-politiki settorjali tal-UE bħall-kummerċ u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Bl-istess mod, il-Kunsill jappella lill-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFIs) biex jiżguraw li jkun hemm konformità mad-drittijiet tal-bniedem fl-appoġġ tagħhom għall-programm u li mekkaniżmi tagħhom għat-trattament ta' lmenti joperaw f'konformità mal-Prinċipji Gwida tan-NU.
11. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri biex jindirizzaw ir-responsabbiltajiet tagħhom bħala atturi kummerċjali (pereżempju fl-akkwist pubbliku) u meta jappoġġaw jew jissieħbu ma' negozji (pereżempju permezz ta' kreditu għall-esportazzjoni, il-promozzjoni tal-kummerċ, jew sussidji għas-settur privat). Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra x'appoġġ jista' jingħata lill-awtoritajiet pubbliċi koperti mid-Direttivi tal-UE dwar l-Akkwist riveduti, permezz ta' għodod u gwida għall-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-NU, il-Linji Gwida tal-OECD u d-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO.

### **Aċċess għar-rimedju**

12. Il-Kunsill ifakkar li l-aċċess għal rimedji effettivi għal vittmi ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem relatati man-negozju huwa ta' importanza kruċjali u għandu jiġi indirizzat fil-Pjani ta' Azzjoni Nazzjonali. Il-Kunsill jirrikonoxxi li huwa meħtieġ aktar progress fir-rigward ta' dan it-tielet pilastru tal-Prinċipji Gwida.
13. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tindirizza rimedji fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar Imġiba Kummerċjali Responsabbli li jmiss, inkluż fil-livell leġislattiv tal-UE kif xieraq, u biex tikkunsidra li tipprovdi gwida lill-Istati Membri f'dan ir-rigward.

14. Il-Kunsill jitlob lill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali sabiex toħroġ opinjoni esperta dwar modi possibbli biex jitnaqqsu l-ostakli għal aċċess għal rimedju fil-livell tal-UE, b'kont meħud tal-istrumenti legali eżistenti tal-UE u l-kompetenzi fil-livelli tal-UE u tal-Istati Membri.
15. Il-Kunsill jilqa' l-adozzjoni reċenti mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, tar-Rakkomandazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u n-Negożju, b'attenzjoni partikolari fuq l-aċċess għal rimedju. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri biex jimplimentaw din ir-rakkomandazzjoni.
16. Il-Kunsill jilqa' l-inizjattiva<sup>4</sup> dwar it-tisħiħ tad-dover ta' rendikont u l-aċċess għal rimedju tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) tan-NU u r-rapport reċenti tal-Kummissarju Għoli: "It-tisħiħ tad-dover ta' rendikont u l-aċċess għal rimedju għal vittmi ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem relatati man-negożju" f'dan ir-rigward, waqt li jiġi rikonoxxut li l-inizjattiva tista' tipprovdi l-aħjar prassi li jistgħu jiġu implimentati fil-livell tal-UE u dak tal-Istati Membri, inkluż fir-rigward ta' kooperazzjoni mtejba bejn stati f'każijiet transkonfinali. Il-Kunsill jimpenja ruħu li jipprovdi l-appoġġ u l-kontribuzzjonijiet neċessarji lill-OHCHR f'dan ir-rigward. Il-Kunsill jappella lill-Istati Membri biex jikkunsidraw din l-inizjattiva inkluż meta jadottaw jew jaġġornaw il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali, billi jinkludu miżuri konkreti mmirati biex itejbu l-mekkaniżmi ta' rimedju.
17. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Istati Membri li implimentaw il-Linji Gwida tal-OECD biex issaħħu aktar l-effettività tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali (NCPs) tagħhom. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lil dawn l-Istati Membri biex jippromwovu evalwazzjonijiet u tagħlim bejn il-pari dwar il-funzjonament u l-prestazzjoni tal-NCPs. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jipparteċipaw b'mod attiv fl-isforzi tal-OECD biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-NCPs fl-UE u fil-pajjiżi sħab tal-UE. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-kumpanniji tal-UE biex jistabbilixxu mekkaniżmi għat-trattament ta' lmenti fil-livell operazzjonali, jew joħlqu inizjattivi konġunti għat-trattament ta' lmenti bejn kumpanniji.

<sup>4</sup>

<http://www.ohchr.org/EN/Issues/Business/Pages/OHCHRstudyondomesticlawremedies.aspx>

## Politika esterna

18. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jkomplu jippromwovu l-Prinċipji Gwida tan-NU u jaħdmu biex issaħħu s-sjieda tal-gvern f'kontatti ma' pajjiżi terzi inkluż fi djalogi politiċi. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-appoġġ tal-UE u tal-Istati Membri, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet għal pajjiżi u reġjuni terzi, li jinvolvu s-soċjetà ċivili, għall-iżvilupp ta' Pjanijiet ta' Azzjoni fir-rigward tan-negozju u d-drittijiet tal-bniedem.
19. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza li l-kapaċitajiet jissaħħu kemm fi ħdan id-Delegazzjonijiet tal-UE u l-ambaxxati tal-Istati Membri biex jaħdmu b'mod effettiv fuq kwistjonijiet ta' negozju u tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż billi jappoġġaw id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jaħdmu fuq id-dover ta' rendikont tal-kumpanniji u jipprovdu gwida lill-kumpanniji fir-rigward tal-Prinċipji Gwida. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jiżviluppaw l-għodod neċessarji sabiex id-Delegazzjonijiet tal-UE jkunu jistgħu jgħinu jissodisfaw dawn il-ħtiġijiet, inkluż billi jibnu fuq l-appoġġ u l-aħjar prassi tal-Istati Membri.

---